MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 798/2013

**Ranger Limited (C-10316)**

vs

**FILIBERTI DESIGN STONE SRL**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fl-20 ta' Awissu, 2013, li s-soċjeta rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet a) li din il-Qorti taqta' l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u b) li l-Qorti tikkundanna lis-soċjeta mħarrka, biex tħallas lill-kumpanija attriċi s-somma ta' mija u sebat elef u sitt euro (€107,006.00) li tirrapreżenta ħlasijiet ta' kera ta' inġenji mitluba mill-istess

soċjeta imħarrka u lilha forniti mill-kumpannija attriċi. Talbet ukoll il-ħlas ta' l-ispejjeż;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lis-soċjeta intimata, li naqset li tidher meta ssejħet il-kawża iżda li deher għaliha avukat maħtur minnha biex jidher għaliha f'din il-kawża;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta attriċi;

Rat id-degriet tagħha mogħti waqt is-smigħ tal-lum li bih sabet li s-soċjeta intimata ma tathiex raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħalliha tikkontesta l-kawża jew biex tħalli s-smigħ għal data oħra;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

1) **Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta attriċi** u taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ;

2) **Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lis-soċjeta imħarrka biex tħallas lis-soċjeta attriċi s-somma ta' mija u sebat elef u sitt euro (€107,006) rappreżentanti l-ħlasijiet u kiri ta' inġenji kif fuq ingħad; u

3) **Tikkundanna** lis-soċjeta mħarrka tħallas **l-ispejjeż tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------